Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 1318/2003AE

**Lawrence Cuschieri u martu Rita Cuschieri**

**Vs**

**Joseph Azzopardi u martu Catherine Azzopardi u b'digriet tal-10 ta' Awissu 2004 gew imsejha fil-kawza Marmista Limited u International Trust Limited**

7 ta' Ottubru, 2016.

Permezz ta' citazzjoni prezentata fid-9 ta' Dicembru 2003, l-atturi ppremettew u talbu:-

*Billi l-attur huwa kreditur tal-konvenut Azzopardi fl-ammont ta' bilanc minn somma akbar f'liema huwa kien gie kanonizzat kreditur tal-istess konvenut Azzopardi b'sentenza ta' dina l-Qorti tas-16 ta' Novembru, 1998;*

*Billi l-konvenut Azzopardi, sabiex jeludi l-hlas gust minnu dovut lill-attur, kkostitwixxa socjeta' anonima Marmista Limited li saret bhala socjeta' nominee u dan sabiex is-socji veri taghha ma jkunux jidhru u b'hekk huwa jkun jista' ma jhallasx id-djun tieghu;*

*Billi kif jigi ppruvat tul din il-kawza l-imsemmija socjeta' Marmista Limited tappartjeni in realta lill-konvenut Azzopardi u n-negozju taghha ma huwa xejn izjed hlief in-negozju gestit u appartenenti lill-istess konvenut Azzopardi, u gie kkostitwita minn flus li kienu jappartjenu lill-istess Azzopardi;*

*U billi l-istess Azzopardi dejjem iggestixxa n-negozju ta' dina s-socjeta' bhal li kienet ta' proprjeta' tieghu, u agixxa bhala l-uniku istitur u uniku azzjonista u direttur tal-istess socjeta';*

*U billi l-formazzjoni ta' dina s-socjeta' kienet intiza sabiex tghinu l-kredituri gusti tieghu u sabiex ikun jista' jevita li jhallas lura l-flus minnu dovuti mill-attur;*

*U billi ghalhekk il-kostituzzjoni tal-istess socjeta' kienet frawdolenta fil-konfront tal-attur;*

*U billi s-socjeta' Marmista Limited ma setghetx ma kinitx konxja tal-frodi li kienet qieghdha tigi pprepetrata ghad-dannu tal-istess attur, tant li kienet il-mezz ewlieni b'liema dik il-frodi giet perpetrata u b'hekk l-istess socjeta' saret ko-responsabbli mal-konvenut Azzopardi ghad-dannu kawzat lill-attur b' l-elusjoni tal-pagament tal-kreditu gust tieghu.*

*Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Li s-socjeta' Marmista Limited tappartjeni lill-konvenut Azzopardi u giet kostitwita bi fus appartenenti lill-istess Azzopardi.*

*2. Li l-kostituzzjoni tas-socjeta' Marmista Limited kien att frawdolenti u perpetrat ghad-dannu tal-attur billi hbiet il-flus tal-konvenut fuq liema l-attur seta jesegwixxi d-drittijiet tieghu.*

*B'riserva tad-dritt tal-attur biex ifittxu lis-socjeta' Marmista Limited ghall-kreditu taghhom kontra l-konvenuti Azzopardi, kif ukoll b'riserva ta' kull dritt iehor kontra l-istess Azzopardi.*

Permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet (a fol. 148) prezentata fis-17 ta' Mejju 2004, il-konvenuti Azzopardi wiegbu:-

*Preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru stante illi l-azzjoni intavolata mill-atturi tolqot terzi persuni li m'humiex parti fil-kawza.*

*Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-eccipjenti ma kienu partecipi f'ebda azzjoni jew agir frawdolenti skond kif allegat mill-atturi.*

Permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet (a fol. 157) prezentata fil-21 ta' Ottubru 2004, is-socjeta' konvenuta International Trust Limited wiegbet:-

*1. Illi hija ghandha tigi liberata mill-gudizzju billi t-talbiet attrici ma jinkwadrawx ruhhom fil-konfront taghha.*

*2. Illi hija ma wettqet ebda att frawdolenti la fil-konfront tal-attur u anqas fil-konfront ta' terzi billi l-agir taghha kien wiehed legali u professjonali.*

Permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet (a fol.166) prezentata fl-14 ta' Frar 2005, is-socjeta' konvenuta Marmista Limited wiegbet:-

*Illi s-socjeta' eccipjenti ma kinitx partecipi f'ebda azzjoni jew agir frawdolenti skond kif allegat mill-atturi.*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

**<u>Fatti.</u>**

1. L-atturi huma kredituri tal-konvenut Azzopardi u dan skont sentenza tas-16 ta' Novembru 1998 li kkundannatu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm43,089.89 (fol. 378)[1].
2. L-atturi jsostnu li l-konjugi Azzopardi waqqfu kumpannija bl-isem ta' Marmista Limited, f'liema kumpannija isimhom ma jidhirx, u dan sabiex b'hekk ma jhallsux dak li hu dovut lill-atturi.
3. Is-socjeta Marmista Limited giet registrata fid-9 ta' Ottubru, 1997. L-azzjonisti taghha kienu International Trust Limited, bid-direttur jkun Franklin Gauci. Irrizulta li din il-kumpannija kienet qeghda tagixxi bhala fiducjarja ta' terza persuna (ara deposizzjoni ta' Dr George Hyzler, fol. 511[2]).
4. Fl-1 ta' Settembru 1998 inghata avviz lir-Registratur tal-Kumpanniji li l-ishma gew trasferiti lil Mifra Consutants Limited.
5. Fit-12 ta' April 1999 inghata avviz lir-Registratur tal-Kumpanniji li l-ishma gew trasferiti lil Finac Limited.
6. Fl-20 ta' Lulju 1999 inghata avviz lir-Registratur tal-Kumpanniji li l-konvenut inhatar direttur tal-kumpannija, filwaqt li fit-13 ta' Settembru 2000 inghata avviz li kien irrizenja minn dik il-kariga.
7. Fil-5 ta' Settembru 2002 inghata avviz lir-Registratur tal-Kumpanniji li Dr Olga Caruana Finkel inhatret bhala direttur tal-kumpannija b'effett mis-27 ta' Awissu 2002, filwaqt li fis-7 ta' Novembru 2003 inghata avviz li kienet irrizenjat.

---

[1] **Lawrence Cuschieri vs Joseph Azzopardi** (2147/97).
[2] Xehed: *"Hloqniha ghal skopijiet biex naghmlu xoghol relatat mal-financial services. Ma hloqnihiex ghal klijent partikolari. Ma kellha x'taqsam xejn ma' rham. Ir-rwol taghha kien wiehed ta' fiducjarju."* (fol. 511).

8. Fl-4 ta' Novembru 2004 inghata avviz lir-Registratur tal-Kumpanniji li l-konvenut inhatar direttur tal-kumpannija.

**Konsiderarazzjoni.**

**A. Integrita tal-gudizzju**.

B'digriet moghti fid-9 ta' Gunju 2004 (fol. 152), il-qorti ordnat lill-konvenuti Azzopardi sabiex jiddikjaraw *"min huma b'isimhom it-terzi persuni msemmija fl-ewwel eccezzjoni."* B'nota prezentata fit-18 ta' Gunju 2004 (fol. 153), il-konvenuti qal li sabiex il-gudizzju jkun integru *".... Jehtieg illi kemm is-socjeta Marmista Limited kif ukoll l-ewwel membri registrati taghha ikunu parti in kawza."* Jirrizulta li l-ewwel azzjonista tal-kumpannija kienet International Trust Limited li b'digriet tal-10 ta' Awissu 2004 (fol. 156) giet imsejha fil-kawza. B'dak id-digriet l-eccezzjoni giet sorvolata.

**B. Eccezzjoni preliminari ta' International Trust Limited.**

Jirrizulta li International Trust Limited kienet sa minn qabel giet proposta l-kawza, ittrasferiet l-ishma li kellha fil-kumpannija Marmista Limited. F'dan ir-rigward fl-1 ta' Settembru 1998 kien inghata avviz lir-Registratur tal-Kumpanniji li International Trust Limited kienet ittrasferiet l-ishma lil Mifra Consultants Limited. Bhala s-socjeta li f'isimha gew registrati l-ishma meta giet registrata Marmista Limited u meqjus li l-atturi qeghdin jallegaw li t-twaqqif ta' dik il-kumpannija kien att frawdolenti, fil-fehma tal-qorti International Trust Limited hi legittimu kontradittur.

**C. Meritu.**

1. Il-konvenuti Azzopardi jsostnu li l-azzjoni li pproponew l-atturi hi *actio pauliana*. L-atturi pproponew din il-kawza sabiex jigi dikjarat li l-konjugi Azzopardi huma fir-realta' s-sidien tal-ishma fil-kumpannija Marmista Limited. L-Artikolu 1124B(2) tal-Kodici Civili jipprovdi li meta persuna li tkun qieghda zzomm proprjeta soggetta ghal obbligazzjonijiet fiducjarji, dik il-proprjeta ma tkunx soggetta ghal azzjonijiet jew drittijiet minn kredituri tal-fiducjarju. Provvediment li jaghti lill-qorti x'tifhem li m'hemm xejn x'izomm lill-kreditur tal-fiducjant milli jipproponi azzjoni biex jigi determinat li s-sid tal-oggett ghandu fil-fatt obbligazzjonijiet fiducjarji fil-konfront tal-fiducjant u li l-proprjeta hi fir-realta' tal-fiducjant. Fil-kaz tal-lum l-atturi pproponew biss azzjoni dikjaratorja.

2. Xehed Saviour Vella li qal li s-socjeta Marmista Limited hi tieghu u ta ibnu u li fiha nvesta madwar tlett mitt elf ewro €300,000 (fol. 502-503). Madankollu x-xhud ma:

i. Ipprezentax dokumenti li jissostanzjaw din il-verzjoni;
ii. Tax raguni ghalfejn bhala azzjonisti tal-kumpannija dejjem deheru fiducjarji. Inoltre, ghalkemm xehed li *"Bhala shareholders fil-kumpannija Marmista Limited nidhru jien u t-tifel tieghi,"* dan m'huwiex minnu.

Tant ix-xhud jidher li ma kienx jaf x'qieghed jigri li xehed ukoll li:

i. Isem il-kumpannija kien inbidel minn Marmista Limited ghal Bottega del Marmista (fol. 504). Fil-fatt mill-provi rrizulta li Bottega del Marmista (C31345) hi kumpannija ohra li giet registrata f'April 2003, cjoe' iktar minn hames snin wara li giet registrata s-socjeta Marmista Limited.
ii. Xehed, *"Ir-registered office tal-kumpannija kien Ta' Qali. It-triq ma nafhiex. Mistoqsi ta' min hi l-proprjeta' nghid Joe Azzopardi l-konvenut kien kriha. Dettalji ma nafx. Minghand min jikriha ma nafx. Ma nafx bl-amment x'kera kienet qieghda tithallas. Issa ilha weqfin."* Dan m'huwiex il-mod kif ghandha tirrispondi persuna li ssostni li l-kumpannija hi taghha.

3. Mill-provi rrizulta li Saviour Vella m'ghandu l-ebda gharfien fil-qasam tal-irham u min-naha l-ohra l-konvenut hu marmolgist. Jirrizulta wkoll li qabel twaqqfet il-kumpannija Marmista Limited, il-konvenut kien jimporta l-irham u jbieghu lokalment. Ghal dak li jikkoncerna l-kumpannija Marmista Limited, il-gestjoni tal-kumpannija kienet totalment f'idejh. Il-konvenut xehed li ghal dan ix-xoghol kien jircievi hlas ta' €1,300 kull xahar.

4. Hu ovvju li f'kazijiet bhal dan hu ferm difficli li ssir il-prova li effettivament proprjeta tappartjeni lil terza persuna u mhux lil min hu registrat bhala s-sid. F'dan il-kaz m'hemmx dubju li International Trust Limited, Mifra Consultants Limited u Finac Limited huma semplici fiducjarji. Hu wkoll evidenti li International Trust Limited kienet tirraprezenta l-interessi ta' tnejn min-nies gialadarba fl-istatut tal-kumpannija jinghad li din il-kumpannija kellha 475 sehem u 25 sehem (fol. 493). Sfortunatament intilef hafna zmien sakemm bdew jinstemghu x-xhieda. Haga xejn deziderabbli ghal fini ta' konservazzjoni tal-provi.

5. Il-qorti hi tal-fehma li fuq bazi ta' probabilta' l-ishma huma fil-fatt tal-konjugi Azzopardi, meta tqies dawn ic-cirkostanzi kollha flimkien:

i. L-attur kien sa mill-bidunett jiehu hsieb il-gestjoni tal-kumpannija. M'hemm l-ebda prova li Saviour Vella kien jippartecipa fit-tmexxija tal-kumpannija. Sahansitra qal: *"Mistoqsi min kien jiehu d-decizjonijiet fil-kumpannija, inwiegeb Joseph Azzopardi."* (fol. 504).

Minn dak li fehmet il-qorti, il-konvenut Azzopardi kellu *carte blanche*.

ii. Sa minn qabel twaqqfet il-kumpannija Marmista Limited fid-9 ta' Ottubru 1997, Joseph Azzopardi kien diga' jimporta u jbiegh l-irham f'Malta.

iii. Fiz-zmien li giet registrata l-kumpannija, Azzopardi kellhom problemi finanzjarji. Hu stess xehed li kien sab ruhu f'sitwazzjoni fejn ma setax ikompli jopera.

iv. Il-kumpannija twaqqfet meta l-attur kien diga' kreditur ta' Azzopardi;

v. Il-bejgh tal-irham ma kinitx il-linja ta' negozju li fiha kien involut Saviour Vella. Hu evidenti li ma jifhimx f'din il-materja prima;

vi. Sahansitra, meta fit-30 ta' Novembru 2001 kien iffirmat il-kuntratt mal-Bank of Valletta plc sabiex l-*overdraft* li kellha l-kumpannija zdied ghas-somma ta' Lm35,000, ghal Marmista Limited deher u ffirma l-konvenut Joseph Azzopardi. Dan minkejja li dak iz-zmien ma kienx ghadu jokkupa l-kariga ta' direttur;

vii. Meta xehed Saviour Vella, tista' tghid li ma kien jaf xejn dwar is-socjeta Marmista Limited. Sahansitra lanqas ma kien jaf li din il-kumpannija u Bottega del Marmista Limited huma zewg kumpanniji.

viii. Saviour Vella ma tax raguni ghalfejn ma rregistrax l-ishma f'ismu, jekk kif qal huma tieghu. F'dan ir-rigward il-konvenut Azzopardi xehed li kien sar hekk minhabba raguni ta' kunfidenzjalita peress li skond ma kien qallu Vella, *"... jien, taf li ngorr irham ta' negozjanti ohrajn f'Malta. Qalli 'ma nistax nidher li jien qieghed b'xi mod nikkompeti.'"* (fol. 507). Li l-qorti tara stramb hu kif fis-sena 2003 giet registrata Bottega del Marmista Limited li fiha ibnu Edward Vella ghandu s-sehem maggoritarju, izda din id-darba ma ntuzawx fiducjarji. Cirkostanza li fil-fehma tal-qorti m'hijiex kompatibbli ma' dak li xehed il-konvenut. Min-naha l-ohra l-ishma fil-kumpannija Marmista Limited sa mid-data ta' registrazzjoni kienu u baqghu registrati f'isem fiducjarju.

ix. Il-kumpannija kienet topera minn post li kien mikri lil Azzopardi. M'hemmx prova li bejn Marmista Limited u Azzopardi kien hemm ftehim dwar l-uzu tal-fond mikri lil Azzopardi.

6. Il-qorti tqies ukoll li l-konvenuti kellhom kull opportunita, kieku riedu, li jressqu provi li b'mod konkret jirribattu l-indizji kollha hawn fuq imsemmija. Hekk per ezempju l-fiducjarji kollha setghu tharrku biex jaghtu taghrif dwar jekk il-konvenuti Azzopardi kellhomx interess fl-ishma ta' Marmista Limited[3]. Din zgur li kienet tkun l-ahjar prova meta tqies li l-

[3] Il-konvenuti Azzopardi ghazlu li jharrku biss lill-avukat Dr George Hyzler, li hu evidenti li ma jaf xejn dwar Marmista Limited. Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2015 xehed: *"Il-kumpannija ghalkemm jien kont*

fiducjarji kienu qeghdin jaghtu biss servizz ta' fiducjarji. L-istess fir-rigward ta' nies li kienu diretturi ta' Marmista Limited, bhal Dr Olga Caruana Finkel. F'dan ir-rigward l-azzjonista prezenti tal-kumpannija Marmista Limited hi Finac Limited, li wiehed mid-diretturi taghha hu l-avukat li ffirma in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konjugi Azzopardi (ara dokumenti a fol. 10 u fol. 148). Min m'ghandux x'jahbi jressaq l-ahjar provi.

7. Konkluzjoni – il-qorti hi sodisfatta li l-ishma fil-kumpannija Marmista Limited huma fil-fatt tal-konjugi Azzopardi. Kumpannija li giet registrata u l-ishma gew registrati f'isem terzi sabiex b'hekk ma jkunux jidhru li huma s-sidien taghhom u b'hekk jeludu d-drittijiet tal-kredituri taghhom.

8. Ghal dak li jirrigwarda l-qerq, il-qorti ma taqbilx mal-attur li Marmista Limited ghandha xi responsabbilta. Din il-kumpannija kienet semplicement ghodda li biha Azzopardi seta' jkompli jopera u fl-istess hin jidher li kien biss impjegat li ma kellux jeddijiet patrimonjali fiha. Ghal dak li jikkoncerna International Trust Limited, mhux maghruf x'kienet taf. Il-qorti ma tistax tibbaza decizjoni fuq supposizzjonijiet.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tiddikjara li l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Azzopardi giet ezawrita meta ssejhu fil-kawza l-kumpanniji.**
2. **Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' International Trust Limited bl-ispejjez kontra taghha.**
3. **Tichad l-eccezzjoni fil-meritu tal-konjugi Azzopardi.**
4. **Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li l-ishma fis-socjeta Marmista Limited (C21962) huma fir-realta tal-konvenuti Azzopardi.**
5. **Tilqa' t-tieni talba limitatament fil-konfront tal-konjugi Azzopardi, fis-sens li b'*mala fede* twaqqfet is-socjeta Marmista Limited sabiex Joseph Azzopardi jkun jista' jibqa' jinnegozja u fl-istess hin jeludi d-drittijiet tal-atturi. Tichad l-istess fil-konfront tal-imsejjhin fil-kawza.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti Azzopardi. Spejjez tal-imsejjhin fil-kawza fir-rigward tat-tieni talba huma a karigu tal-atturi.**

Anthony Ellul.

---

*direttur u kelli l-istess numru ta' ishma li kellu Dr Tortell, jiena ma kontx attiv fiha. Hu kien jiehu hsieb kollox."* (fol. 511).